VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,015, 26 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L.198 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 213 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 u 4 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

(2) L-ordinamenti 5 u 6 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(2) Il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) jista' jiġi offrut ukoll f'żewġ oqsma ta' studju ewlenin mill-lista (a) tal-oqsma ta' studju, jew f'qasam ta' studju ewlieni wieħed mill-għażla (a) u f'qasam ta' studju ewlieni wieħed mill-għażla (b), kif approvat mill-Bord:

(a) il-Bijoloġija; il-Kimika; il-Computational Physics, il-Geosciences, il-Matematika, il-Fiżika, l-Statistics and Operations Research;

(b) il-Banking and Finance, ix-Xjenza tal-Kompjuter, il-Filosofija."

4. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' jippermetti wkoll li kwalunkwe qasam ta' studju indikat fis-sottoparagrafu (a) tal-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jiġi offrut flimkien ma' oqsma ta' studju oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' entitajiet akkademiċi oħra fi ħdan l-Università, sakemm li f'każijiet bħal dawn, l-applikanti jkunu meħtieġa li jkollhom dawk il-kwalifiki rilevanti għat-tieni qasam ewlieni ta' studju magħżul kif indikat fl-ordinamenti għall-grad fil-qasam ta' studju offrut taħt il-patroċinju tal-entità akkademika responsabbli għad-dixxiplina."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (4) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) It-tielet sena tal-Kors għandha tinkludi dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati mhux inqas minn 10 kredti u mhux aktar minn 20 kredtu:

sakemm li fil-każ tal-Matematika u l-Computational Physics, waħda jew aktar taqsimiet studju mgħallma addizzjonali jistgħu jsiru minflok id-dissertazzjoni."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. (1) It-Tieni Parti tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu mqassma kif ġej:

(a) 40 kredtu f'qasam ta' studju wieħed, li minnhom mhux anqas minn 10 kredti u mhux aktar minn 20 kredtu huma assenjati għal dissertazzjoni; u

(b) 20 kredtu fil-qasam ta' studju l-ieħor:

sakemm li fil-każ tal-Matematika, waħda jew aktar taqsimiet studju mgħallma addizzjonali jistgħu jsiru minflok id-dissertazzjoni."